# Lil hinn mill-miti tal-Privatizzazzjoni u Nazzjonalizzazzjoni

Jiena nixtieq inkompli ma' dak li qal il-Professur Joe Friggieri fejn qal li l-aspett kulturali ma jistax jinjora l-istrutturi ekonomiċi. Proprju fil-qasam ekonomiku wieħed ma jistax jinjora l-aspetti soċjo-kulturali ta' pajjiżna. Biex nibda fuq din il-laqgħa, naħseb li jkun ħafna pożittiv li l-affarijiet li qed jintqalu, u li ilna nisimgħu ħafna snin, ngħaddu biex xi darba nibdew inwettquhom. U wara kollox, it-twettiq konkret ta' l-ideat biex jiġu mibdula gradwalment l-istrutturi tas-soċjetà tagħna hija bla dubju ta' xejn l-isfida l-aktar importanti. Fil-qasam ekonomiku pajjiżna għaddej minn tibdil mgħaġġel u radikali. Il-pressjoni sabiex tiddaħħal aktar kompetittività permezz tal-liberalizzazzjoni, l-ispinta lejn il-privatizzazzjoni, it-twaqqif ta' ċentru finanzjarju internazzjonali, it-tibdila fis-sistema fiskali ta' pajjiżna flimkien ma' ristrutturazzjoni industrijali huma kollha xhieda, fit-tajjeb u fil-ħażin, ta' dan it-tibdil. Huwa neċessarju allura li wieħed jirrifletti ftit fuq l-għan finali li jrid jintlaħaq, il-metodu li għandu jintużax u il-kunflitti soċjali li jistgħu jinħolqu. Bażikament qed nitkellem fuq il-preżenza ta' l-istat u l-fruntieri tas-suq. Fi ftit kliem irridu niddiskutu r-relazzjoni Gvern-ċittadin bl-implikazzjonijiet kollha tagħha f'termini ta' l-attività ekonomika, fiskali, soċjali u kulturali. L-isfida qiegħda proprju f'kemm il-Gvern jista' joħloq l-ambjent ġust fejn iċ-ċittadin, kull ċittadin, speċjalment dak li ħafna jsibuh bħala ż-żgħir, l-emarġinat, ikollu l-opportunità kollha li jwettaq il-proġetti tiegħu.

Meta jiġi diskuss dan is-suġġett ikun hemm il-periklu reali li s-soluzzjonijiet

---



ANDREW ELLUL iggradwa fl-istudji ekonomiċi mill-Università ta' Malta fl-1992 u wara kompla l-istudji tiegħu f'Milan u Londra. Hu attenda l-*Università Commerciale Luigi Bocconi* ta' Milan u l-*London Business School*. Kiseb il-Masters in Business Administration fl-1994 bi speċjalizzazzjoni fl-istudji finanzjarji u s-swieq internazzjonali. Wara li temm l-istudji kellu perjodu ta' taħriġ ma' *investment bank* fid-dipartiment tar-riċerka finanzjarja. Lura f'Malta hu ġie appuntat bħala editur tal-*Malta Business Weekly*. Andrew Ellul jgħallem il-*Corporate Finance* fid-Dipartiment tal-*Banking & Finance* ta' l-Università ta' Malta u huwa involut fil-*Malta Finance Society*.

li jingħataw ikunu dawk tal-moda, tad-dommi li jkunu jirrenjaw f'dak iż-żmien partikolari bi ftit jew xejn riferenza lejn l-ambjent soċjo-kulturali li nkunu qed ngħixu fih. Il-bieraħ kien hemm il-mit tan-nazzjonalizzazzjoni, illum hemm il-mit tal-privatizzazzjoni. Il-bieraħ kien hemm il-moda tal-*welfare state*, illum hemm il-moda tal-*welfare society*. Dak li konna ninċensaw 20 sena ilu issa qed narawh ikrah. Probabbilment dak li l-maġġoranza tal-lum qed temmen bħalissa, jiġi minsi 10 snin oħra. Però, dawn huma l-korsi u r-rikorsi storiċi li kulħadd, min ftit u min ħafna, jaqa' fihom. L-iktar ħaġa importanti u fl-istess ħin l-aktar diffiċli hija li wieħed jiddistakka ruħu mill-moda u jara verament x'hemm bżonn isir.

Pajjiżna ma jistax jaħrab mir-realtà tas-suq internazzjonali. Irridu jew ma rridux pajjiżna irid jikkompeti ma' pajjiżi oħra – kultant aktar żviluppati minna, oħrajn anqas żviluppati minna. Imma kollha intenzjonati li jżidu r-rata ta' investiment industrijali, jittrasformaw ruħhom f'ekonomiji ta' servizzi u finalment iżidu l-ġid nazzjonali. Nistgħu aħna nikkompetu magħhom bl-istrutturi li bnejna jew għandna bżonn inbiddluhom radikalment? Ħarsa żgħira lejn l-istatistika turi li l-ekonomija tagħna trid toffri 'l fuq minn 2000 *job*, tikkrea 2000 *job* ġdid fis-sena, sabiex iżżomm il-livell attwali ta' impjiegi. Ma naħsibx li l-Gvern jista' jidħol għal din il-biċċa xogħol waħdu. Is-settur privat jekk ikun imsostni minn strateġiji serji u fit-tul jista' faċilment jagħmel dan. Iżda jeżistu l-istrutturi li jistgħu jippermettu lis-settur-privat jilħaq dan il-għan jew le? Sabiex insemmu eżempju li ilu jissemma mhux ħażin – u anki hawn nerġa' ngħid li ilu jissemma mhux ħażin u hemm bżonn li jiġi mwettaq b'xi mod – nistgħu insemmu l-introduzzjoni ta' politika industrijali li tieħu in konsiderazzjoni mhux biss x'tip ta' strateġija industrijali pajjiżna għandu jaddotta sabiex jaffronta l-kompetizzjoni internazzjonali, speċifikament l-għażla bejn *quality oriented production* jew *cost oriented production*. Hemm bżonn li wieħed jara wkoll x'tip ta' piżijiet żejda qed iġġorr l-industrija tagħna u li allura ixekkluha milli tkun aktar kompetittva. L-aspettattivi ekonomiċi u soċjali ta' pajjiżna qed jikbru u dak li kien lussu sa ftit snin ilu, issa qed isir neċessarju. Iċ-ċittadini qed jitolbu *jobs* aħjar, prodotti u servizzi aħjar, ambjent aħjar, kwalità tal-ħajja aħjar. Ħafna drabi ssib li dawn il-bżonnijiet huma kontradittorji, jew jistgħu jidhru kontradittorji.

Dan ifisser li hemm il-bżonn ta' aktar proġetti infrastrutturali u għalhekk il-Gvern irid isib il-fondi sabiex jiffinanzja dawn il-proġetti. Imma l-Gvern jista' jkompli jonfoq bl-istess rata ta' issa, fejn għandek dejn nazzjonali li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni il-kumpaniji parastatali jitla' għal 80% tal-Prodott Gross Nazzjonali tagħna? Ċertament li iva jista' jkompli, iżda finalment ikun is-settur produttiv, il-popolazzjoni tagħna li jkollhom iġorru l-piż tad-dejn nazzjonali. Ħlief għal xi eċċezzjoni 'l hawn u 'l hemm, id-dixxiplina fiskali fil-

kontijiet tal-Gvern għadha 'l bogħod minn xtutna. Jekk ma jagħmilx sens li l-Gvern inaqqas l-ispiża kapitali tiegħu, anzi jkun żball li jitwarrbu ċertu proġetti infrastrutturali li jistgħu jsostnu aħjar il-proċess ekonomiku tagħna, ċertament li jagħmel sens li titnaqqas l-ispiża rikorrenti li qed tilħaq livelli insostenibbli. Ċertament li l-Gvern ma jistax jonfoq daqshekk sabiex iżomm l-amministrazzjoni tiegħu. Ilna nitkellmu ħafna fuq l-*overmanning* tas-settur ċivili. Meta ser issir din ir-riforma u x'riżultati ser tħalli?

Prattikament għandna settur produttiv, li qiegħed f'minoranza, isostni, permezz ta' taxxi u l-kontributi oħra, settur ferm ikbar. Il-*gap* tal-produttività bejn dawn iż-żewġ setturi huwa abbissali u għalhekk jitlob għal riforma immedjata. Għad hawn, bħala eżempju, l-opinjoni anki fost iż-żgħażagħ tagħna li l-Gvern huwa l-ekwivalenti tas-sigurtà, għad hawn min ifittex il-*job* fuq kriterji tas-sigurtà biss u mhux fuq il-livell ta' spazju u żvilupp personali li jista' jipprovdi. Jidher li m'hemmx rieda politika sabiex jiġu solvuti l-problemi tas-settur pubbliku, anki forsi għax is-soċjetà tagħna m'hijiex preparata għall-bidla daqshekk radikali kif mhux preparata għar-riforma fis-servizzi soċjali li qed jassorbu ammont qawwi tal-*budget* tal-gvern.

Hemm bżonn, fl-opinjoni tiegħi, li jiġu riveduti kemm il-ħsieb u kemm il-metodu tas-servizzi soċjali. Bħalissa qisu hemm *drive* sħiħa sabiex jiżdiedu u jkomplu jiżdiedu s-servizzi soċjali bħallikieku l-flus biss jistgħu jsolvu l-problemi tas-soċjetà tagħna. Donnu li l-ħsieb m'hux li s-servizzi soċjali qegħdin hemm sabiex jagħtu aktar indipendenza lill-persuna iżda biex iċ-ċittadin isir dipendenti fuq dawn is-servizzi soċjali. Agħar minn hekk huwa l-fatt li nbniet kultura fejn ħafna jippretendu dawn is-servizzi soċjali bħallikieku ħadd ma jħallas għalihom. Jiddispjaċini nara li kull min jitkellem fuq riforma f'dan is-settur jiġi ttimbrat bħala liberali jew neo-liberali u li ma jagħtix każ id-dimensjoni soċjali tas-soċjetà tagħna. Nemmen illi s-servizzi u l-proġetti soċjali għandhom ikunu mmirati sabiex iżidu u mhux inaqqsu l-indipendenza ta' l-individwu. Il-fondi għandhom jingħataw lil dawk li verament għandhom bżonn u mhux lil kulħadd indiskriminatament mid-dħul tagħhom. B'hekk ikun hemm biżżejjed flus sabiex jingħataw lil dawk li verament għandhom bżonn dawn is-servizzi. U hawnhekk li wieħed jibda jifhem kif għandha tiżviluppa r-relazzjoni bejn il-Gvern u ċ-ċittadin. L-isfida hija li l-Gvern ma jibqax jinvadi b'daqshekk saħħa l-ekonomija tagħna, minflok jibda jagħti strateġiji ċari u konkreti, fejn iċ-ċittadin, is-settur privat, jista' jopera. L-isfida l-aktar importanti ser tkun li jiġu proposti regoli ċari minn ġewwa s-suq u mhux minn barra s-suq.

Kull dibattitu li jpoġġi l-Istat kontra s-suq ikun dibattitu astratt u vojt u bħalu kull dibattitu li jpoġġi lill-Gvern kontra ċ-ċittadin. Li hemm bżonn huma regoli ċari u *above board* li jkunu magħmula biex jirregolaw is-suq minn

ġewwa u mhux biex jittellef il-mekkaniżmu tas-suq minn barra. Il-*policy makers* tagħna flok jikkonċentraw u jkomplu bl-ossessjoni tagħhom li jirregolaw ir-riżultat finali tas-suq permezz ta' regoli arkajki u komplikati, għandhom jiffukaw l-azzjoni tagħhom fuq il-kitba ta' regoli għas-suq. Ovvjament dawn ir-regoli għandhom jirriflettu l-valuri u l-aspettattivi tas-soċjetà tagħna u l-piż li jingħata lil ċerti kunċetti bħal kompetittività, is-solidarjetà u d-dimensjonijiet soċjali ta' l-ekonomija.

Għalhekk, ir-regoli li għandna nagħmlu jridu jirrispettaw l-ambjent soċjo-kulturali ta' pajjiżna. Kull soluzzjoni li tikkopja l-esperjenzi barranin, jew agħar minn hekk, xi mudell teoriku bla ebda riferenza għall-problemi lokali, tkun ikkundannata għall-falliment u f'dan il-każ ibatu l-aktar iċ-ċittadini ta' pajjiżna. Xi ftit, Mr. Chairman, il-*buzz word 'restructure or die'* jagħmel sens għal pajjiżna wkoll.